# TRIBUNAL INDUSTRJALI

**Decizjoni Preliminari Numru: 2776**

**Kaz Numru: 3521/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Doreen Camilleri (ID 438561M)**

**u**

**L-Agenzija tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea ("EUPA")**

*dwar allegazzjoni ta' diskriminazzjoni u vittimazazzjoni*

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

Illum 9 ta' Novembru, 2021

It-Tribunal,

Wara li ra d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) datata 2 ta' Lulju 2018, fejn ir-rikorrenti, ossia l-appellanti, appellat minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali moghtija fit-26 ta' Frar 2018, kif diversament presedut, fejn fid-decizjoni tieghu t-Tribunal iddecieda li l-kaz tar-rikorrenti kien tardiv. In oltre, l-istess Tribunal kien ukoll ikkunsidra u ddecieda fuq it-tielet eccezzjoni mressqa mir-rikorrenti ossia dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 30 tal-Kap 452, u liema eccezzjoni ma kellhiex tinghata decizjoni fuqha, u dan peress li fin-nota ta' sottomissjonjiet kellha titratta biss it-tieni eccezzjoni, u cioe` dwar it-terminu perentorju ta' erba' xhur. Illi ghalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkunsidrat li dan kien imur kontra l-principji tal-gustizzja naturali u jilledi l-istess principji tal-gustizzja naturali. It-Tribunal ma setax jiddeciedi dwar eccezzjoni li hadd mill-partijiet ma kien ressaq provi dwarha u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux jissorprendi lill-partijiet.

Ghal dawn ir-ragunjiet l-Qorti tal-Appell laqa` l-Appell intavolat mir-rikorrenti (appellanti), Doreen Camilleri u hassar id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali moghtija fis-26 ta' Frar 2018 u dan peress li kiser il-jedd ghal smiegh xieraq u rega' baghat l-atti lura quddiem dan it-Tribunal sabiex jissokta bis-smiegh tal-kaz.

Illi ghalhekk din il-kwistjoni ta' xoghol giet quddiem dan it-Tribunal sabiex dan it-Tribunal jaghti decizjoni preliminari fuq it-tlett eccezzjonjiet, ossia numru, tlieta, (3), numru erbgha (4) u numru

hamsa (5) sollevati mill-Agenzija Ntimata. Dan kien gie maqbul bejn il-partijiet kontendenti f'din il-Kwistjoni ta' Xoghol fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2018, li qablu li kellhom iressqu l-provi fuq dawn it-tlett eccezzjoniet msemmija u tinghata decizjoni preliminari fuq dawn l-istess eccezzjonijet.

Dan it-Tribunal zamm ghaxar (10) seduti fejn il-partijiet ressqu l-provi taghhom, kemm dawk dokumentati u kif ukoll permezz ta' xhieda *viva voce*, dwar dan l-eccezzjonjiet, u cioe` numru tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5). In oltre, z-zewg partijiet ipprezentaw zewg noti ta' sottomissjonjiet u li taghhom it-Tribunal ha konjizzjoni u kif ukoll sema' u ra l-provi mressqa mill-istess partijiet.

**Nota ta' Sottomissjonjiet tal-Agenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropeja (EUPA).**

Fin-nota tal-Agenzija ntimata pprezentata fir-Registru tal-Qorti fid-29 ta' Jannar 2021, l-Agenzija ntimata bdiet billi irrilevat li r-rikorrenti giet impjegata bhala Koordinatur Nazzjonali fis-6 t'April 2015 u giet itterminata fit-8 ta' Frar 2016. In oltre, r-rikorrenti ntavolat il-kaz taghha quddiem it-Tribunal Industrijali fis-27 ta' Dicembru 2016 fuq allegata diskriminazzjoni u vittimazzjoni fil-konfront taghha. Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti qieghda titlob kumpens u hlas ghat-telf u dannu li allegatament soffriet.

Dwar il-hames eccezzjoni sollevata, l-Agenzija ntimata ssottomettiet diversi argumenti dwar dak miftiehem fil-kuntratt ta' mpjieg bejn il-partijiet.

L-Agenzija ntimata, fin-nota taghha, taghmel referenza ghall-kuntratt ta' mpjieg li l-istess rikorrenti ffirmat maghha, u li skont l-klawsola 3 tal-istess kuntratt, l-impjieg taghha kien b'effett mit-18 ta' Frar 2015. L-Agenzija ntimata taghmel referenza ghall-artikolu 3.02 tal-istess kuntratt, u cioe` l-klawsola li kienet tikkoncerna l-perjodu ta' prova tal-impjieg tar-rikorrenti, u li kienet ghal tnax-il xahar.

L-Agenzija ntimata ssostni, fin-nota taghha, li kull parti setghet tittermina l-impjieg minghajr ma taghti raguni ghal tali terminazzjoni; "*During the probationary period, either party may terminate the employment without assigning any reason, provided that one (1) week notice is given if employment has exceeded one (1) month*"[1].

In oltre, ssir referenza wkoll ghall-artikolu 36 (2) tal-Kap 452 li jitratta s-sitwazzjonjiet ta' mpjiegi bi prova u ghalhekk, issottomettiet l-Agenzija ntimata, dan jaghti l-fakolta` lil kull parti li tista` tittermina l-impjieg, "MINGHAJR EBDA RAGUNI[2]".

L-Agenzija tishaq li ghalhekk kellha kull dritt li twaqqaf il-kuntratt tar-rikorrenti u dan kif qablu z-zewg partijiet. Di piu', l-Agenzija taghmel referenza wkoll ghall-klawsola 3.06 tal-kuntratt ta' mpjieg, liema klawsola taghti d-dritt lill-Principal, ossia lill-Agenzija ntimata, li wara li jghaddi z-zmien bi prova f'kaz ta' nkompetenza jew negligenza da parti tal-impjegat, seta' jigi tterminat l-impjieg f'kull zmien minghajr ma jinghata pre-avviz u minghajr responsabillita` li jsir hlas.

---

[1] Nota ta' Sottomissjonjiet tal-Agenzija ntimata, pagna 2.
[2] Ibid, pagna 2 (Emfazi tar-rikorrenti).

Fin-nota taghha l-Agenzija ntimata tenfasizza dwar il-principju baziku u universali u li hu wkoll ikkodifikat fil-Ligi Internazzjonali ta' Vienna fuq il-Ligi tat-Trattati, u cioe` l-principju sagrosant li jinsab fl-istatut tal-kuntratti; *pacta sunt servanda*. In oltre, l-Agenzija ntimata ssostni, li fil-ligi nostrana dan il-principju jinsab inkorporat f'artikolu 992 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk, tkompli l-Agenzija ntimata fin-nota ta' sottomissjonjiet taghha, li ma hemm lok ghall-ebda nterpretazzjoni u dan peress li l-ligi hija cara. Fin-nota ssir ukoll referenza ghal diversi brani mehuda minn decizjonijiet moghtija mill-Qrati taghna fosthom dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, tal-5 t'Ottubru 1998, fl-ismijiet, *Beacon vs Spiteri Staines*, flimkien ma' decizjonjiet ohra fuq dan il-principju, *pacta sunt servanda*. Issir referenza ukoll ghal silta minn decizjoni preliminari tat-Tribunal Industrijali Numru 1734, fl-ismijiet, *Michael George Done vs Rimus Riley Limited* tal-25 t'Ottubru 2006, u li wkoll fl-opinjoni tal-Agenzija ntimata tapplika ghal din il-kwistjoni ta' xoghol[3].

In oltre, ssir referenza ghall-artikolu 993 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta, ossia l-artikolu li jitratta l-bona fede li ghandu jkun prezenti f'kull kuntratt[4].

Dwar it-tielet eccezzjoni u r-raba' eccezzjoni preliminari, l-Agenzija ntimata ssottomettiet argumenti dwar il-perjodu li persuna ghandha sabiex tkun tista` tiftah il-kaz taghha quddiem it-Tribunal Industrijali, ai termini ta' artikoli 30 (1) u 75 (4) tal-Kap 452. L-Agenzija ntimata ticcita dawn iz-zewg artikoli tal-Kap 452, fejn artikolu 30 (1) jistipula li z-zmien ta' erba' xhur sabiex tipprezenta l-ilment quddiem it-Tribunal huma mill-ksur allegat. Mentri, artikolu 75 (3) jistipula li l-iment ghandu jigi pprezentat mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat[5].

In oltre, l-Agenzija ntimata sostniet li artikolu 75 (3) meta jkun intemm l-impieg, il-principal ma jibqax meqjus bhala tali, u ghalhekk ma jistax ikun hemm diskriminazzjoni u vittimazazzjoni. Ghalhekk, ghalqet in-nota ta' sottomissjonjiet taghha l-Agenzija ntimata, gialadarba r-rikorrenti stitwiet il-proceduri quddiem it-Tribunal fis-27 ta' Dicembru 2016, meta l-impieg taghha ntemm fit-8 ta' Frar 2016, it-terminu ta' erba' xhur hu preskritt.

**Nota ta' Sottomissjonjiet tar-Rikorrenti.**

Ir-rikorrenti, pprezentat in-nota ta' sottomissjonjiet taghha fit-8 ta' Marzu 2021, u li fiha ressqet is-sottomissjonijiet taghha ghall-istess eccezzjonjiet, u cioe` tlieta, erbgha u hamsa, tar-risposta tar-rikors promotur.

Illi r-rikorrenti tibda biex sommarjament telenka it-tlett eccezzjonjiet. Dwar eccezzjoni numru tlieta (3), u cioe` li l-lanjanzi tar-rikorrenti huma *fuori termine*, u dan peress li r-rikorrenti kellha zmien erba' xhur sabiex mid-data effettiva tal-ksur allegat, u dan skont artikolu 75(3) tal-Kap 452. Dwar eccezzjoni numru erbgha (4), fejn il-lanjanza huma wkoll fuori termine u dan stante li huma bbazati fuq it-terminazzjoni tal-impjieg taghha u li r-rikorrenti kellha tressaq il-kaz qabel l-gheluq

[3] Nota ta' Sottomissjonjiet tal-Agenzija ntimata, pagna 3.
[4] Ibid, pagna 4.
[5] Ibid, pagna 5.

ta' dan il-perjodu, u mhux tistenna r-rapport minghand il-Ministru. Dwar eccezzjoni numru (5), l-Agenzija ntimata bbazat din l-eccezzjoni, fuq il-fatt li r-rikorrenti kellha l-impieg taghha tterminat matul il-perjodu ta' prova (*probation period*)[6].

Fin-nota ta' sottomissjonjiet taghha r-rikorrenti ssotni li dawn it-tlett eccezzjonijiet, ghalkemm huma pprezentati bhala distinti minn xulxin, huma eccezzjoni wahda. Dawn l-eccezzjonijiet kollha jikkoncernaw l-allegata ntempestivita` o meno tal-prezentata tad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti tghid li fin-nota taghha se titratta dawn l-eccezzjonijiet fl-assjem taghhom, u ghalhekk kienet se twiegeb ghal kollha.

Fin-nota ta' rikorrenti hemm referenza ghall-fatt li l-Agenzija ntimata fis-sottomissjonjiet taghha tbiddel l-argument. Ir-rikorrenti ssostni li l-Agenzija ntimata bbazat l-eccezzjoni fuq artikolu 75 (3) Tal-Kap 452, ossia dwar tkeccija ngusta. Mentri fis-sottomissjonjiet taghha ssir referenza ghall-artikoli 30 (1) u 75 (3), u cioe` ghax l-Agenzija ndunat li r-rikorrenti ressqet kawza dwar vittimazzazzjoni u diskriminazzjoni. Ir-rikorrenti, fin-nota taghha, ssostni li dan ghandu jgib ic-cahda tal-eccezzjoni u dan peress li t-Tribunal ghandu jiddeciedi fuq it-talbiet kif impostati minnha u mhux kif ghamlet l-Agenzija ntimata tibdel l-eccezzjonjiet b'mod materjali. L-agir tal-Agenzija ntimata jistultifika l-process ta' smiegh xieraq u jikser id-drittijiet tar-rikorrenti, sahqet l-istess rikorrent fin-nota taghha[7].

Ir-rikorrenti fis-sottomissjonjiet taghha xorta ghazlet li tirribatti l-argumenti li l-Agenzija resqet fin-nota taghha. Ir-rikorrenti tirrileva li t-terminazzjoni tal-impjieg sehhet waqt il-perjodu ta' prova (*probation period*). In oltre, dan il-fatt qatt ma gie kkontestat mir-rikorrenti, izda l-Agenzija, sahqet ir-rikorrenti, mhux tifhem li din mhux kwistjoni ta' tkeccija ngusta, u li kuntratt ta' mpieg jista jigi tterminat minghajr raguni valida. Ir-rikorrenti tirrimarka li l-Agenzja bhal qisha qieghda ssostni li ghax impjieg jigi tterminat matul l-perjodu ta' *probation*, l-principal jista' jinjora d-disposizzjonjiet tal-ligi u jkecci mpjegat minghajr ma jaghti ebda raguni.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet, ir-rikorrenti ssostni li dan l-argument tal-Agenzija ntimata mhux biss huwa fazul, izda addirittura perikoluz. L-Agenzija bl-argument taghha donnha qieghda tghid li waqt perjodu ta' *probation* setghet, tivittimizza ma' mpejgat, tiddiskrimina kontra mpjegat, tikser ir-regoli tal-paga, tikser kull regolament dwar trasferiment ta' negozju, u kif ukoll taghti fastidju lil xi mpjegat. Dawn l-istanti kollha huma regolati b'Kap 452 u hemm provvedimenti u rimedji distinti minn dawk l-istanti li jirregolaw it-terminazzjoni tal-impjieg waqt probation u r-rimedji minn tkeccija ngusta[8].

Ir-rikorrenti tishaq li ghax hemm iz-zmien tal-prova ma jfissirx li principal ghandu jabbuza minn dak il-perjodu ta' prova u "*jghaddi romblu*[9]" minn fuq l-impjegat.

Jekk it-Tribunal jaccetta dawn l-argumenti li ressqet l-Agenzija ntimata ikun qieghed iwassal messagg perikoluz, li principal ikun jista' jaghmel li jrid bl-impjegat fil-perjodu ta' prova. Fin-nota taghha r-rikorrenti sahqet li din tkun daqqa ta' stallett ghall-impjegati kollha. Dan kollu jista'

---

[6] Nota ta' Sottomissjonjiet tar-rikorrenti, pagna 2.
[7] Nota ta' Sottomissjonjiet tar-rikorrenti, pagna 2.
[8] Ibid, pagna 3.
[9] Ibid, pagna 3.

jwassal ghal reat kriminali ai termini ta' artikolu 32 tal-Kap 452, bhal fastidju u vittimizazzjoni, tenniet ir-rikorrenti fin-nota taghha.

Dwar l-argument tal-*pacta sunt servanda*, r-rikorrenti sostniet, fin-nota ta' sottomissjonjiet taghha, li minhabba dan il-principju hawn citat, principal jista' jaghmel li jrid waqt il-perjodu ta' prova. L-ispirtu tal-ligi taghna hu dak li jissalvagwardja lil dik il-parti dghajfa, ossia l-impjegat (*the weaker party*)[10].

Dan il-principju (*pacta sunt servanda*) hu applikabbli fil-kuntratti kummercjali, u cioe` d-disposizzjonjiet ta' Kap 16, izda mill-banda l-ohra kull kuntratt ghandu jigi esegwit in *bona fede* kif jiddisponi Kap 16. Di piu', hu mportanti li artikolu 42 tal-Kap 452, li jikkoncerna kunidzzjonjiet anqas favorevoli ghall-impjegat minn dak li jipprovdi l-Att iniffsu ghandhom japplikaw id-disposizzjonjiet tal-Att (Kap 452). Dak li sostniet l-Agenzija ntimata dwar il-principju tal-*pacta sunt servanda*, sahqet ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonjiet, hu protett mil-ligi taghna li toffri protezzjoni kontra kull klawsola li tnaqqas mill-protezzjonijiet bazici ta' xi mpjegat. Tali klawsoli ghandhom jigu njorati u tapplika l-protezzjoni tal-ligi (Kap 452)[11].

Fin-nota taghha r-rikorrenti taghmel referenza ukoll ghal decizjonjiet moghtija mit-Tribunal Industrijali li jitrattaw l-principju tal-*pacta sunt servanda*. Fid-decizjoni "*Vito Domenico Benvenga vs The Director of General of the Department of Agriculture and Fisheries Regulation*" (Kaz Nru. 2875/LC), li r-rikorrenti kkowotat fin-nota taghha, taghmel referenza ghal bran minn din id-decizjoni. *In sintesi* jghid li dak li qieghed jissottometti l-intimat, fejn il-principju tal-*pacta sunt servanda* f'kuntratti tal-impjieg ghandu jipprevali fuq il-kundizzjonjiet tal-impjieg li hemm stipulati f'Kap 452, u r-Regolamenti li johorgu minnu, mhux legalment fondati. Il-ligijiet tal-impjieg huma specifici u jipprevalu fuq il-principji generali tal-ligi u disposizzjonjiet generali tal-ligi li hemm f'Kap 16[12].

L-istess fid-decizjoni kkowtata fin-nota tar-rikorrenti fl-ismijiet, "*Michael George Done u Rimus Riley Limited*", hemm stabbilit li f'kuntratt ta' mpjieg dawk il-kundizzjonjiet li huma nferjuri ghal dawk li hemm fil-ligi, dawk il-kundizzjoniet ma jghoddux u jigu sostitwiti bid-disposizzjonjiet tal-ligi, u cioe` bid-disposizzjonijiet ta' Kap 452. Issir referenza ukoll ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras, fl-ismijiet, "*Paul Borg vs APS Bank Ltd*", tas-26 ta' Marzu 2010, fejn l-element tal-protezzjoni tal-parti d-dghajfa (*weaker party*) hu mehud in kunsiderazzjoni fejn f'din id-decizjoni nsibu li rapport ta' mpjieg ghandu qawwa rafforzata u dan ghax il-ligi hija koncernata dwar il-protezzjoni tal-impjegati.

Fl-istess sentenza hemm citata decizjoni tal-Qorti Kostituzzjoni (*Constantino Consiglio vs Kav. Joseph N. Tabone, 11 ta' Awwissu 2000*) li titratta din il-materja, u kif ukoll decizjoni tal-Appell Kummercjali (*Sylvia Falla vs Ernest Jenninigs nominee, 14 ta' April 1969)*[13]. Ghalhekk sostniet ir-rikorrenti artikolu 75 (3) tal-Kap 452 ma japplikax ghal kaz taghha, u b'hekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

---

[10] Nota ta' Sottomissjonjiet tar-rikorrenti, pagna 4.
[11] Ibid, pagna 5.
[12] Ibid, pagna 5.
[13] Ibid, pagna 7.

In oltre, tghid ir-rikorrenti li l-Agenzija ntimata fl-ahhar irrejalizzat li l-kwistjoni *de quo* titratta sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni u vittimazzjoni ta' mpejgat u ghalhekk ghandu japplika l-artikolu 30 tal-Kap 452. Ghalhekk, issostni r-rikorrenti fin-nota taghha, dan it-Tribunal ghandu jinvestiga jekk hi gietx iddiskriminata jew vittimizzata, u mhux kienx hemm tkeccija ngusta meta din saret fit-tmiem tal-perjodu ta' prova taghha. Din hi xi haga li r-rikorrenti ma tistax titlob rimedju ghalih ghax hi konxja li f'dan il-perjodu ma tistax titlob tali rimedju. Dak li qed titlob ir-rikorrenti hu jekk hi kinitx vittma ta' diskriminazzjoni jew vittimazzjoni, z-zewg istanti huma ghal kollox separati minn xulxin. Dan jirrizulta peress li f'Kap 452 id-disposizzjoniet ghal tkeccija ngusta huma regolati taht Taqsima V. Temm ta' Kuntratti ta' Servizz. Mentri, Taqsima IV, li titratta Protezzjoni Kontra Diskriminazzjoni relatata mall-Impjieg, hija dik il-parti li tikkoncerna lir-rikorrenti. Ghal din ir-raguni, sahqet ir-rikorrenti fin-nota taghha, l-legislatur jittratta dawn is-sitwazzjoniet bhala separati u distinti minn xulxin[14].

Fl-istess nota ta' sottomossjonjiet, ir-rikorrenti taghmel referenza ghaz-zewg artikoli li jitrattaw il-perjodu ta' erba' xhur, izda l-ligi tipprovdi sitwazzjonijiet differenti fil-kliem uzat u li jaghmel differenza. Waqt li f'artikolu 75 (3) insibu li l-kliem "*erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat*", f'artikolu 30, dejjem tal-Kap 452, nsibu l-kliem "*zmien erba' xhur mill-ksur allegat*"[15].

Din id-differenza u distinzjoni fit-terminologija uzata mil-legislatur, tirrileva r-rikorrenti, hija spjegata fid-decizjoni moghtija mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras, fit-28 ta' Jannar 2008, fl-Appell Civili fl-ismijiet, *"Grezzju Azzopardi vs Public Broadcasting Services Limited"*[16]. Ir-rikorrenti taghmel referenza ghal din id-decizjoni u tikkwota bran minn l-istess decizjoni. F'din id-decizjoni l-Qorti tal-Appell ssostni li sakemm tibqa' tipperdura d-diskriminazzjoni ma jistax ikun hemm rabta ta' xi zmien partikolari. Fi ftit kliem hemm l-element tal-kontinwita` u ghalhekk ma hemmx rabta ta' zmien.

In oltre, fl-istess decizjoni ssir referenza ghall-artikolu 75 (3) u li l-Onorabbli Qorti tal-Appell irrilevat li din is-sitwazzjoni hi distinta peress li hemm tkeccija ngusta u ghalhekk d-data ta' tkeccija hija maghrufa stante li hemm il-firma u dak hu l-mument specifiku taz-zmien. Id-differenza fit-terminologija tirrifletti li f' artikolu 75 (3) il-mument ta' tkeccija li hija maghrufa u l-azzjoni trid tittiehed "*mid-data effettiva tal-ksur allegat*", mentri f'artikolu 30, l-perjodu utili li jrid jittiehed sabiex jigi pprezentat l-ilment irid isir mill-"*ksur allegat*[17]".

L-istess kuncett japplika, ssostni r-rikorrenti, ghal kaz ta' vittimizazzjoni u dan peress li din tibqa' ssehh u la ma jkunx lahaq sar rimedju jkun hemm l-element ta' kontinwita`, u dan ghax il-ksur jibqa' ghaddej, u ghalhekk il-perjodu ta' erba' xhur ma jibdiex jiddekorri.

Il-fatt li jkun hemm sospensjoni jew li jintemm il-kuntratt ta' mpjieg ma jgibx is-sospensjoni jew it-tmiem ta' dik il-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-impjegat, u li l-ligi taghti lill-parti d-dghajfa, ossia lill-impjegat (*weaker party*). Ir-rikorrenti sahqet, fin-nota taghha, li dak il-ksur jibqa' ghaddej b'mod

---

[14] Nota ta' Sottomissjonjiet tar-rikorrenti, pagna 8.
[15] Ibid, pagna 9.
[16] Ibid, pagna 9.
[17] Ibid, pagna 10.

kontinwu u jieqaf meta l-ksur jieqaf u jigi rimedjat. Li jigi tterminat l-impjieg matul il-perjodu ta' prova ma jfisser xejn u ma jbiddel xejn min dak li jkun ghadda minnu lill-impjegat[18].

Fis-sottomissjonjiet taghha, r-rikorrenti ssottomettiet li biex issir gustizzja mall-impjegat irid ikun hemm il-protezzjoni tal-ligi, u dan wara li jigi skopert li wara t-temm tal-impjieg il-principal ikun kiser l-istess drittijiet tal-impjegat li jammontaw ghal diskriminazzjoni, fastidju jew vittimzazzjoni. Ir-rikorrenti ssostni li l-Agenzija ntimata u min kien responsabbli ghad-decizjonjiet li ttiehdu fil-konfront taghha hbew il-verita` u ghamluha difficli ghall-istess rikorrenti li tkun taf kif verament sehhew l-eventi. Ghalhekk sal-lum il-gurnata r-rikorrenti tibqa' vittma ta' diskriminazzjoni u vittimzazzjoni.
Ir-rikorrenti taghmel ukoll referenza ghad-decizjoni parzjali tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet, *Neil John Pavia vs Mediterranean Aviation Company Limited*, tas-17 ta' Frar 2009 (Kaz Nru. 2627/LC), li qal li wara li jintemm impjieg impjegat jista' jressaq ilment a tenur ta' artikolu 30 tal-Kap 452 u li ma hemm l-ebda differenza jekk impjegat ikunx ghadu fl-impjieg jew le.

Fin-nota tar-rikorrenti ssir referenza ukoll ghad-decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali fit-22 ta' Novembru 2016, Kaz Nru. 3047/LC, fl-ismijiet, "*Janika Spiteri (ID.209187M) vs Malta College of Arts, Science and Technology*", li kien jittrata allegati abbuzi, vittimizazzjoni, u agir fastidjuz, u li permezz ta' din id-decizjoni r-rikorrenti tirrimarka li din il-kwistjoni ta' xoghol "*ghandha cirkostanzi simili tal-kawza odjerna – ossia rigward terminazzjoni ta' mpjieg li sehhet waqt iz-zmien ta' prova fejn l-impjegata, wara t-terminazzjoni resqet kawza ta' vittimizazzjoni u fastidju – izda mhux ta' tkeccija ngusta – quddiem it-Tribunal Industrijali*[19]".

Kif ghamlet fid-decizjonijiet gia citati, r-rikorrenti ikkwotat bran, din id-darba kemm xejn fit-tul, minn din id-decizjoni. Din id-decizjoni kienet tikkoncerna sitwazzjoni ta' mpjegata li kienet ilmentat minn fastidju, u vittimizzazzjoni da parti tal-Kullegg intimat. It-Tribunal, f'din id-decizjoni, ghalkemm ma rax li kien hemm lok ta' vittimizzazzjoni ai termini ta' artikolu 28 tal-Kap 452, mill-banda l-ohra dwar il-fastidju (artikolu 29 tal-Kap 452), it-Tribunal sostna li kien hemm aktar bzonn li janalizza x-xhieda aktar fil-fond.

F'din id-decizjoni rrizulta li l-Bord Investigattiv zbalja meta sema' xhieda mhux fil-prezenza tar-rikorrenti, u li l-istess rikorrenti ma kienet informata b'xejn minn dak li qalu x-xhieda. Mill-banda l-ohra la r-rikorrenti f'dan il-kaz qatt ma lmentat mall-Kullegg intimat qabel ma rrizenjat, il-Kullegg intimat ma jistax jigi adebitat b'xi nuqqas da parti tieghu. Kienet il-procedura adoperata mill-Kullegg intimat li kienet zbalajta u dan peress li ma osservax il-principji ta' smiegh xieraq fil-konfront tar-rikorrenti, meta r-rikorrenti ma nghatatx l-opportunita` li tirribatti ghal dak li nqtal dwarha[20].

Ghalhekk, issostni r-rikorrenti fin-nota taghha, minn din id-decizjoni hawn citata johrog car li dan it-Tribunal ghandu jisma' din il-kwistjoni ta' xoghol dwar l-allegata diskriminazzjoni u vittimizzazzjoni, liema sitwazzjoni sehhet waqt iz-zmien ta' prova, u dan nonostante li r-rimedju mitlub mir-rikorrenti ntalab wara li temmiet l-impjieg taghha.

[18] Ibid, pagna 10.
[19] Nota ta' Sottomissjonjiet tar-rikorrenti, pagna 12.
[20] Ibid, pagna 13.

Ir-rikorrenti tishaq li t-Tribunal ghandu obbligu li jinvestiga kull allegazzjoni ta' ksur tal-artikoli 26 u 28 tal-Kap 452, u dan stante li din hi l-intenzjoni tal-legislatur. Fl-eventwalita` li t-Tribunal jilqa' dawn l-eccezzjonjiet, issottometiet ir-rikorrenti, jfisser li "*principal ghandu blank cheque illi jitratta – jew ahjar jimaltratta – lill-impejgati tieghu kif irid waqt iz-zmien ta' prova – ghaliex il-proncipal ikun jaf illi ghandu l-protezzjoni ta' probationery period…*[21]"

Dawn l-artikolu, ossia 26, 28 u 30 tal-Kap 452 ma jghidu xejn li ma hemm ebda protezzjoni ghall-impjegat u li huma inapplikabbli jekk l-impjegat ikun ghadu fi zmien ta' prova (*probation period*). In oltre, lanqas ma hemm stipulat li din il-protezzjoni f'kaz li l-perjodu ta' prova jigi ezawrit. Ir-rikorrenti ssostni, fl-eghluq tan-nota ta' sottomissjoni taghha, li dak li trid il-ligi tghidu, u ghalhekk japplika l-principju latin, *ubi lex volute dixit*[22].
Ir-rikorrenti tirrileva li jekk dawn l-eccezzjonjiet preliminari jintlaqghu ikun qed jinfetah bieb ghall-abbuzi serji u dan peress li kif hareg mid-decizjoni tat-Tribunal gia kkwotata, jinghata lok ghall-abbuzi meta l-impjegati jigu tterminati mill-impjieg jew ma jiggeddidx il-kuntratt ta' mpjieg u ghalhekk ikollhom "*jaghlqu halqhom*", u dan kollu ikun qieghed jigi permess mill-bidu (*ab intio*) mill-istess Tribunal.

**Kunsiderazzjonjiet tat-Tribunal Industrijali**

It-Tribunal ghandu quddiemu sitwazzjoni fejn impjegta, Doreen Camilleri, li kienet impjegata mall-Agenzija ntimata, matul il-perjodu ta' prova taghha hassitha diskirminata u vittimizzata mill-istess Agenzija ntimata.

It-Tribunal matul is-smiegh ta' din il-kwsitjoni ta' xoghol sema' l-provi kollha mressqa quddiemu u kif ukoll evalwa dawn il-provi. Matul is-smiegh ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, irrizulta li l-*emails* li ntbaghtu ma kienux isegwu kif ghandu jkun, ossia b'mod kronologiku. Ir-rikorrenti baqghet issostni li t-*timeline* tal-*emails* ma kienx jikkonbaca mall-mod kif dawn l-emails ntbaghtu verament. Jirrizulta wkoll mill-provi mressqa li kien twaqqaf bord (*Fact Finding Board*) sabiex jinvestiga l-operat tal-EUPA, izda kif spjegat ir-rikorrenti dan ma kienx bord investigattiv xejn dwar l-operat tal-EUPA, izda kien qieghed jinvestiga lilha. Minn dan kollu l-istess rikorrenti ma kienet taf xejn[23].

Ir-rikkorenti kienet riedet li tinghata kopja ta' dan ir-rapport u wara hafna diffikultajiet u nsistenzi, fejn sahansitra kienet irrikorriet ghand il-Kummissarju tal-Informazzjoni u Data, kienet inghatat kopja ta' dan ir-rapport.

Illi dwar it-tlett eccezzjonjiet, u cioe` numri, tlieta, erbgha u hamsa, u li dwarhom dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi, hareg car mill-provi li l-Agenzija ntimata qieghda tibbaza l-argumenti taghha fuq il-fatt li l-perjodu ta' erba' xhur sabiex ir-rikorrenti tressaq l-ilment taghha kien skada (it-tielet eccezzjoni), li l-lanjanzi huma bbazati fuq it-tmiem tal-impjieg tar-rikorrenti, u ghalhekk setghet tressaq l-ilment taghha qabel u mhux qaghdet tistenna li tkun taf x'kien fih ir-rapport sabiex tkun

[21] Ibid, pagna 13.
[22] Ibid, pagna 14.
[23] Vide x-xiehda tar-rikorrenti, Doreen Camilleri tas-seduta tat-3 ta' Marzu 2020.

tista' tiehu l-passi neccessarji (ir-raba eccezzjoni), u li l-istess rikorrenti kienet fil-perjodu ta' prova u ghalhekk ghandu japplika l-principju tal-*pacta sunt servanda* (il-hames eccezzjoni).

Illi minn gurisprudenza lokali u kif ukoll minn insenjamenti ta' awturi fuq din il-materja johrog car li meta mpjegat ikun diskriminat jew vittimazzat, l-element tal-kontinwita` jrid jittiehed in kunsiderazzjoni. It-Tribunal jaqbel mall-argumenti mressqa fin-nota tar-rikorrenti fejn, a skans ta' ripetizzjonjijiet, id-decizjonjiet citati jindikaw li l-Qrati taghna jaghtu mportanza ghal dan l-element ta' kontinwita` f'dawn ic-cirkostanzi.

Fid-decizjoni moghtija mit-Tribunal Indistrijali, datata, 12 ta' Jannar 2016, Decizjoni Numru, 2424, moghtija mic-Chairperson Avv. Leslie Cuschieri, fl-ismijiet Av. Dr. Enrico Depasquale vs MSV Life plc[24].

Illi f'din id-decizjoni nsibu li: -

> "…..li l-gurisprudenza Maltija in rigward tghallimna li meta diskriminazzjoni tibqa' ghaddejja zmien twil, din tiehu xehta ta' reat kontinwat u l-azzjoni tkun tista' tibda sa erba' xhur minn meta tieqaf tali diskriminazzjoni."

Illi dwar din il-materja ta' perjodu ta' zmien, l-awtur Norman Selwyn jsostni: -

> 4.223 Conduct that extended over a period of time is to be treated as done at the end of that period, and failure to do a thing is to be treated as occurring when the person in question decided on it. Thus a claim based on a continuing discrimination may be brought up to three months[25] after the discrimination has ceased (Calder v James Finaly Corp Ltd). But a distinction has to be made between an act of continuing discrimination and an act that has continuing consequences[26].

Kif irrizulta mill-provi dwar din l-eccezzjoni r-rikorrenti qatt ma kienet f'posizzjoni li tkun taf x'kienu l-konkluzzjonjiet tar-rapport, u dan stante l-fatt li dan ir-rapport inzamm mistur minnha. Kien propju meta r-rikorrenti kellha l-kopja ta' dan ir-rapport li hi kienet f'qaghda li setghet tressaq l-ilment taghha. Li kieku r-rikorrenti ma baqghtex tinsisti ghal dan ir-rapport qatt ma kienet tkun taf x'kien intqal dwarha. In oltre, r-rikorrenti qatt ma setghet tressaq l-ilment taghha fi zmien erba' xhur, u dan minhabba l-fatt li kienet ghadha fi zmien ta' prova u kif kien hemm stipulat fil-kuntratt ta' mpjieg kull parti setghet tittermina l-impjieg minghajr ma taghti l-ebda raguni.

Jirrizulta bl-aktar mod ampju li r-rikorrenti ghandha ragun tinvoka l-artikoli 26, 28 u 30 tal-Kap 452, u dan peress li dawn l-artikoli tal-Kap 452 jinsabu taht it-Taqsima IV bit-titolu Protezzjoni Kontra Diskriminazzjoni relatata mall-Impjiegi. Kap 452 hu mqassam taht diversi Taqsimiet u kull

---

[24] Av. Dr. Enrico Depasquale vs MSV Life plc, moghtija fit-12 ta' Jannar 2016, Decizjoni Nru:2424, Chairperson Dr. Leslie Cuschieri, Cert. Dip.Stud., LL.D.

[25] Il-perjodu ta' tlett xhur hu skont il-ligi Ingliza (Employment Relations Act).

[26] Selwyn's Law of Employment 21st Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2020) – p. 153.

taqsima ghandha titolu li jindika taht liema sitwazzjoni taqa' dik il-kwistjoni li tinqala'. In fatti Kap 452, l- Att Dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonjiet Industrijali, jibda bit-tqassim tal-Att, fejn nsibu l-ewwel parti, ossia Titolu I, Relazzjonjiet dwar l-Impjiegi, u Titolu II, li jitratta r-Relazzjonjiet Industrijali. Il-Legislatur taghna ghalhekk kellu f'mohhu li dan l-Att iqassmu taht diversi taqsimiet.

Ghalhekk dak li ried il-legilsatur inkludieh fil-ligi, ossia f'Kap 452, u ma ghandux ikun hemm interpretazzjoni diversi minn dak li hemm fil-ligi. Il-brokkard latin, *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit*, japplika ghal din is-istwazzjoni. Fejn il-ligi riedet li tesprimi ruhha hekk ghamlet, fejn le baqghet siekta.

L-artikoli msemmija mir-rikorrenti jaqghu taht it-Taqsima IV, bit-Titolu – Protezzjoni Kontra Diskriminazzjoni relatata mall-Impjiegi, u ghalhekk l-intenzjoni tal-legislatur hija manifestament cara. Dwar il-perjodu ta' zmien li mpjegat ghandu a disposizzjoni tieghu c-cikostanzi li jinsabu stipulati f'artikolu 30 tal-imsemmi Kap. Dan l-artikolu jistipula s-segwenti: -

> **30.** (1) Persuna li tallega li l-prinċipal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru, d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tista', **fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat[27],** tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali għandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk li nvestigazzjonijiet li jqis xierqa[28].

It-Tribunal jinnota li l-Agenzija ntimata aggixxiet b'mod xejn dinjituz fil-konfront tar-rikorrenti u dan peress li l-istess rikorrenti ma kellha l-ebda nformazzjoni dwar dan ir-rapport. Kienet biss il-perseveranza taghha wara trapass ta' zmien, li hija kienet fil-pussess ta' dan ir-rapport. Mill-provi mressqa johrog car li l-Agenzija riedet izzom mistur dan ir-rapport mir-rikorrenti. Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi hu dan l-artikolu, ossia artikolu 30 li japplika, u mhux artikolu 75 (3) tal-Kap 452. Ghalhekk dan it-Tribunal mhux se jilqa' dawn iz-zewg eccezzjonjiet, tlieta u erbgha.

Dwar dak li argumentat l-Agenzija ntimata, u cioe` dwar il-principju tal-kuntratti *pacta sunt servanda*, ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni minn dan it-Tribunal. Il-gurisprudenza taghna dwar dan il-principju fir-rigward ta' kuntratti ta' mpjieg kienet ferma fl-argumenti taghha.

Impjegat f'dawn il-kuntratti hu meqjus dik il-parti dghajfa (*weaker party*). Dan it-Tribunal ukoll jislet silta mid-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell ippreseduta mill-Onorevoli Mhallef, Philip Sciberras, datata 26 ta' Marzu 2010, fejn din il-Qorti sostniet li bhala regola generali tal-kuntratti ghandu dejjem japplika l-principju tal-*bona fede*, u cioe` artikolu 993 tal-Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-istess decizjoni u li hi wkoll riportata fin-nota ta'sottomissjonjiet tar-rikorrenti, din il-Qorti rribadiet li, "*Dan mhux biss ghall-ezekuzzjoni tajba u korretta ta' dak ir-rapport imma wkoll ghall-iskop li jkun assigurat u garantit illi dak ir-rapport ma jsirx strument ta' diskriminazzjoni*[29]".

---

[27] Emfazi tat-Tribunal.

[28] Att Dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonjiet Industrijali, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

[29] Appell Civili Numru:21/2009, Qorti tal-Appell, per Mhallef Onor. Philip Sciberras, 26 ta' Marzu 2010, Paul Borg vs APS bank Ltd, pagna 11.

Il-Qorti tal-Appell f'din id-decizjoni tishaq li kuntratt ta' mpjieg ghandu jkun in *bona fede* u mhux jigi abbuzat dan il-principju u tiddiskrimina mall-impjegat kif gara fil-kwistjoni odjerna. L-awtur Norman Selwyn dwar ir-relazzjoni bejn principal u mpjegat f'sitwazzjoni kuntrattwali jqis: -

> 3.2 However, tradition legal reasoning based on the law of contract does not always sit comfortably with the expansion of workers' rights which has occurred over the past few decades, partly because of the acknowledged inequality of bargaining power between the parties, but also because a contract of employment involves a continuing relationship, unlike most other forms of contracts which are generally single transactions. In the world of employment, the parties have to live together and work together over a period of time. There has to be an element of trust and confidence. If there are areas where strict adherence to contractual rights can produce inequitable results, traditional contract doctrines may be circumvented. Consequently, the courts thus developed and expanded the doctrine of implied trust and respect which is sometimes used to override strict contractual obligations, on the basis that the exercise of contractual powers by management is subject to that power being exercised reasonably and not in an unconscionable manner[30].

In oltre, dwar il-kuntratti ta' mpjiegi l-awtur Selwyn jsostni li : -

> 2.132"A fixed-term contract is a contract of employment for a special period of time, ie, with defined a beginning and a defined end (Wilthsire County Council v National Association of Teachers in Further and Higher Education and Guy). As a general rule, such contract cannot be terminated before its expiry date except for gross misconduct or by mutual consent (Lyritzis v Inmarsut). However, a contract can still be for a fixed term if it contains within it a provision enabling either side to terminate it on giving notice before the term expires (Allen v National Australia Group Europe Ltd)[31]".

Paragunat mas-sitwazzjoni tal-kwistjoni odjerna minn dan il-bran johrog car kemm l-Agenzija ntimata riedet li tibbaza l-argument taghha fuq it-terminazzjoni tal-impjieg ai termini ta' artikolu 75 (3) sabiex l-argument taghha jkun li r-rikorrenti kienet intempestiva fl-azzjoni taghha, u li ghandu japplika dak pattwit. Din l-eccezzjoni ukoll ma tregiex u dan stante l-fatt li l-ligi taghna f'dawn is-sitwazzjonijet bl-applikazzjoni ta'artikolu 42 tal-Kap 452 taghti dik il-protezzjoni lill-impjegat li hu meqjus il-parti dghajfa fin-negozjati ta' kuntratt ta' mpjieg.

Dan l-artikolu tal-Kap 452 jistipula: -

> **42.** Jekk mhux f'każ kif provdut xort'oħra b'dan l-Att, jekk kuntratt ta' servizz bejn impjegat u l-prinċipal tiegħu jew ftehim kollettiv bejn il-prinċipal u r-rappreżentanti

[30] Selwyn's Law of Employment 21st Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2020) – par. 3.2, p. 78.
[31] Selwyn's Law of Employment 21st Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2020) – par. 2.132, p. 66.

> magħrufin tal-*union*, jipprovdi għal xi kondizzjoni ta' impieg, inklużi kondizzjonijiet dwar it-temm ta' dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli għall-impjegat minn dawk speċifikati fi jew taħt l-Att, dawn għandu jkollhom effett daqslikieku minflok dawk il-kondizzjonijiet li huma anqas favorevoli għall-impjegat kien hemm imdaħħla l-kondizzjonijiet speċifikati fi jew taħt dan l-Att:

Dwar il-perjodu ta' prova t-Tribunal, bhal ma gia sostna, jinnota li dan kien l-argument principali tal-Agenzija ntimata. Zgur li mhux accettabbli ghal dan it-Tribunal li principal jargumenta li ghax impjegat ghadu fil-perjodu ta' prova l-principal jista' jaghmel li jrid, u addirittura jiddiskrimina jew jivvittimizza lill-impjegat ghax ghadu fil-perjodu ta' prova. Dan l-argument zgur li mhux ser isib sostenn minn dan it-Tribunal. Principal f'dan il-perjodu ghandu jassigura li dak l-impjegat li jkun ghadu bi prova jkun qieghed iwettaq dmirijietu sew u jaghtih dak is-sapport u dik l-assistenza kollha mehitega sabiex jintegra fix-xoghol tieghu u mhux jittrattah b'mod diskriminatorju jew jivvittimazzah bhala strategija biex dan jitkecca, jirrizenja, jew bi skuza biex ma jinzammx fl-impjieg.

L-imsemmi awtur, Norman Selwyn, jsostni: -

> 10.10 Now that the age when management could 'hire and fire' at will has gone, it is possible to assert that the employer has a legal duty to treat his employees with due respect and consideration, mindful of their needs and problems, sympathetic to their difficulties. It is no longer possible to treat an employee as an expandable chattel, or as an object without feelings and emotions[32].

Minn dan il-bran wiehed jifhem kemm principal ghandu jimxi b'mod dinjituz versu l-impjegati tieghu. Ghalhekk minn dawn l-insenjamenti dan it-Tribunal ukoll mhux se jilqa' l-eccezzjoni numru hamsa li tikkoncerna l-perjodu ta' prova.

Illi ghal dawn il-motivi sopracitati dan it-Tribunal qieghed jichad it-tlett eccezzjonjiet, ossia numru tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5), sollevati mill-Agenzija ntimata, Agenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropeja (EUPA) u jordna l-prosegwiment ta' din il-kwistjoni ta' xoghol.

(Iffirmat)
**Avv. Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

---

[32] Ibid, par. 10.10, p. 270.

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**